**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Ottubru, 2018

Rikors numru : 249/18 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fir-Registru taz-Zwigijiet, Il-Belt Valletta fl-ghaxra ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (10.10.2003).

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, Jake Bartolo fit-8 ta' Ottubru 2004. Kopja tac-Certifikat tat-Twelid qed tigi annessa u mmarkata Dok. BB1.
Illi l-partijiet isseparaw u s-separazzjoni personali taghhom hija regolata b'Att ippubblikat min-Nutar Rosalyn Aquilina fl-24 ta' Mejju

2013. Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni qed tigi annessa u mmarkata Dok. BB2.

Illi ai termini ta' Artikolu 5.13, l-intimat obbliga ruhu li jhallas manteniment ta' mija u sebghin Ewro kull xahar ghall-minuri u ai termini ta' l-Artikolu 5.3 ta' l-istess kuntratt, il-partijiet obbligaw ruhhom illi jhallsu nofs bin-nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ordinarji u straordinarji li ma jithallsux mill-polza ta' l-assikurazzjoni.

Illi sa llum il-gurnata il-manteniment fis-somma ta' €170 mensilment ai termini ta' l-Artikolu 5.13 dejjem thallas.

Illi filwaqt illi iz-zieda skond l-gholi tal-hajja ma thallsitx u l-ispejjez ai termini ta' l-Artikolu 5.3 mhux dejjem jithallsu fil-hin, ir-rikorrenti hija kunfidenti illi ser tasal ghal ftehim bonarju dwar dan u ghalhekk, filwaqt illi izzomm impregudikat id-dritt taghha ghal dan il-hlas, tikkonferma illi dan ma ghandux ikun ta' ostakolu ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn erbgha snin mifrudin, huma illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi hekk ukoll ghalkemm ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni ir-rikorrenti ghazlet li zzomm kunjom zewgha, Bartolo, hija f'dan l-istadju tixtieq tirtlob illi in vista tat-talba taghha ghall-hall taz-Zwieg, tirriverti ghal kunjom xbubitha, Schembri.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet
2. Tordna illi r-riorrenti tigi indikat b'kunjom xbubitha, Schembri, u mhux Bartolo.
3. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

4. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-bidla tal-kunjom tar-rikorrenti minn Bartolo ghal Schembri sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat in-nota guramentata tal-intimat CB li permezz taghha, filwaqt li qed jaghti ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh, fl-atti processwali fl-ismijiet surreferiti, qed jirregistra n-nuqqas ta' oppozizzjoni tieghu ghal hall taz-zwieg celebrat minnu u r-rikorrenti gewwa l-Belt, Valletta, fl-ghaxra (10) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dan stante illi ma hemm l-ebda possibilita` ta' rikonciljazzjoni bejniethom u dan anke peress illi huma ilhom diga separati minn xulxin sa minn qabel ma gie ffirmat l-istess kuntratt;

Illi ghalhekk, l-intimat, filwaqt illi jgib a konjizzjoni ta' din l-Qorti l-fatt li mhux qed jaqbel ma dak premess mill-attrici, u cioe`, illi huwa mhux qed jottempera ruhu ghal kollox mal-obbligi tal-manteniment assunti minnu versu r-rikorrenti ghal binhom minuri Jake, fil-kuntratt ta' separazzjoni datat l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013), u cioe li huwa mhux qed ihallas sehmu minn l-ispejjez puntwalment, huwa qed jammetti t-talba enumerata wiehed (1);

Tant ghandu l-intimat x'jissottometti  a savju gudizzju ta' din l-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Mejju, 2018;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet ilhom separati mill-24 ta' Mejju 2013 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Rat illi r-rikorrenti, debitament assistita, iddikjarat illi qeghda tirtira l-premessa taghha fis-sens illi l-intimat ma hallasx iz-zieda skont l-gholi tal-hajja u dan bla pregudizzju u ghalhekk ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi ir-rikorrenti talbet fir-rikors guramentat taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u u cioe' Schembri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Schembri, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;